**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 3.05.09: IR-RABA' ĦADD TA' L-GĦID.**
**JUM IL-VOKAZZJONIJIET**
Nitolbu ħafna għall-Vokazzjoni f il-Knisja u speċjalment fil-parroċċa tagħna
**NOTA: 1.** Matul ix-Xahar ta' Mejju, kuljum fil-qudidesa ta' fil-għaxija jsir ħsieb dwar il-Madonna.
**2.** Billi din il-ġimgħa se jkun hemm l-eżamijiet, it-tfal mhux se jkollhom duttrina.
**IT-TNEJN, 4.05.09:** l-Ewwel Tnejn tax-Xahar
Fis-6.00p.m. ikun hemm il-quddiesa fiċ-ċimiterju.
**IT-TLIETA, 5.05.09: Fis-7.30p.m.** Se ssir l-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla (Lectio Divina). Tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.
**IL-ĦAMIS, 7.05.09: Fil-10.15a.m.** se nagħmlu laqgħa għat-Tfal li din is-sena se jirċievu s-Sagramenti ta' l-Ewwel Qrara u l-Ewwel Tqarbina.
Din se tkun fid-Dar Parrokkjali u wara jkunu jistgħu jibqgħu sejrin l-iskola.
Nagħmel appell lill-Ġenituri biex iġibu t-tfal tagħhom biex inħejjuhom għall-Ewwel Qrara.
**IS-SIBT, 9.05.09: FESTA TA' SAN GORG PRECA**
Saċerdot u Fundatur tas-Soċjeta' tad-Duttrina.
**IL-ĦADD, 10.05.09: Il-ĦAMES ĦADD TA' L-ĠĦID.**
**JUM L-OMM**
Il-ġabra li ssir illum hija għar-restawri tal-Knisja.
Fil-4.00p.m. quddiesa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija

**QUDDIESA GĦALL-ANZJANI.**
Fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm l-Ministeru għal Għawdex u l-Uffiċċju ta' l-Anzjani se jorganizza quddiesa fis-Santwarju ta' Pinu llum. It-transport se jkun b'xejn u jitlaq mill-Pjazza tal-Knisja fid-9.00a.m.

**SONG FESTIVAL MARJAN**
Il-Legio of Mary se jorganizza Song Festival Marjan nhar is-Sibt 9 ta' Mejju fl-Oratorju Don Bosco u jibda fis-7.00p.m.. Biljetti mil-Legion of Mary Victoria.

**NIRRINGRAZZJA**
1. Nixtieq nirringrazzja lill-familji kollha tal-laqgħa li kelli magħhom, fl-okkażjoni tat-tberik f'dan iż-żmien ta' l-Għid.
2. Nirringrazzja mill-qalb ukoll lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom għall-organizzazzjoni u ċ-ċelebrazzjoni tal-Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla li din is-sena sar fil-parroċċa tagħna. B'mod speċjali nirringrazzja lill-Kumitat li twaqqaf għal dan l-iskop u li ħadem bis-sħiħ għas-suċċess tal-Kungress.

**RELIKWWA TA' SAN GORG PRECA**
Bħalissa hawn f'Għawdex ir-Relikwa tad-Demm ta' San Gorg Preca li qiegħda għall-qima tal-pubbliku fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, (Tac-Cawla). Se ddum Għawdex sat-8 ta' Mejju. Il-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb tkun miftuħa mis-6.00a.m. sa nofs inhar u mill-4.00 sat-8.00p.m.

**PELLEGRINAĠĠ DJOĊESAN GĦAL MALTA**
Se jsir Pellegrinaġġ Djoċesan għal ħdejn il-fdalijiet ta' San Gorg Preca Malta il-Ġimgħa 8 ta' Mejju. Biljetti minn għand tal-Museum.

**ĠABRA GĦALL-PAPA**
Il-Ġabra li saret fil-knisja għall-Papa biex ikun jista jgħin li dawk li jkunu milquta b'xi diżgrazzja kienet is-semma ta' 366Ewros. Grazzi.